MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 647/2012

**Alfsons Enterprises Limited [C-20428]**

**vs**

**Gino Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fis-17 ta' Settembru, 2012** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' tmien mija tnejn u sittin euro u sitta u sebghin ċenteżmi ta' euro [€862.76c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Ammont dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta attriċi lill-konvenut fit-30 ta' April, 2012.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-ittri legali tat-22 ta' Gunju, 2012 u tas-7 ta' Awwissu, 2012 u bl-imghax legali mit-30 ta' April, 2012, datat tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikata bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna, wara li giet segwita l-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni skond il-ligi, ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-18 ta' Settembru, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-18 ta' Settembru, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tmien mija tnejn u sittin euro u sitta u sebghin ċenteżmi ta' euro [€862.76c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------